# Il-Karnival fi tfuliti

minn Maria Consiglia Abdilla

Dan l-artiklu se jħares lejn l-aħħar snin ta' l-għoxrinijiet u l-ewwel snin tat-tletinijiet. F'dak iż-żmien it-trasport pubbliku bil-kemm kien jeżisti. Dan ħoloq nuqqas ta' komunikazzjoni bejn raħal u ieħor. Għal din ir-raġuni kont tara raħal jitbattal minn nies meta kien ikun hemm xi festa f'raħal qrib. Kienet tkun okkażjoni biex dak li jkun jiltaqa' ma' ħbiebu u niesu u m'għandniex xi ngħidu ...dan kollu jingħaqad ma' naqra divertiment bid-daqq tal-banda.

Imma tul is-sena kien hemm festa li kienet tiġi ċċelebrata fl-istess żmien u minn kulħadd. Din il-festa kienet mifruxa fuq numru ta' ġranet. Din il-festa kienet il-**Karnival.**

Il-Karnival dak iż-żmien kien jibda mill-Hamis ta' qabel. Din il-ġurnata kien jisimha l-*Giovedi Grass*. Għaliex? Għax dak in-nhar il-mara tad-dar kienet issajjar tisjir aħjar minn dak ta' kuljum u li fih kien jidħol il-grass aktar mis-soltu. Aktarx li l-familja kienet issajjar fenek imrobbi minnha. Il-mara kienet tixtri l-laħam grass tal-majjal biex taqli l-fenek fih u mbagħad tkompli ssajru stuffat. L-ispagettata ma kinitx tonqos. Kemm kienet tħossha kburija l-mara li f'dik l-ikla tajba kulma kienet xtrat minn barra kienu l-grass u l-ispagetti, għax anke l-ħobż, l-inbid u d-deżerta (aktarx tin taċ-ċappa) kien ikun prodott tal-ħidma tal-familja tagħha!

Il-*Giovedi Grass* kien jismu wkoll 'Ħamis il-Ġifa.' Għaliex? It-tfal kienu jagħmlu xi ċajta lil sħabhom bħal : "Ara x'waqagħlek!" "Ara ċappast il-libsa!" Meta dawn ma jindunawx li hi ċajta kienu jgħajruhom : "Ġifa."

Il-Ġimgħa bejn wieħed u ieħor kienet ġurnata bħall-oħrajn tas-sena għajr li xi raġel (jew irġiel) kien u joħorġ u jgħanni. Is-Sibt kien l-għors tat-tfal speċjalment tas-subien. Skola ma kienx ikollhom u arahom jilbsu xi qalziet skartat ta' missierhom u xi qmis imqattgħa. Biex il-qalziet ma jaqgħalhomx kienu jorbtuh b'qafla u biex ma jitfixklux fih kienu jagħtuh xi erba' tixmiriet. Kien ikun fihom x'tara b'dawk il-kmiem tal-qmis iperpru u b'idejhom iżommu qaddhom biex ma jaqgħalhomx il-qalziet! Barra minn dan kienu jġemmdu wiċċhom. Dak iż-żmien dan kien faċli jsir għax il-mara tad-dar kienet issajjar bil-faħam jew bil-ħatab. Xi subien kienu jilbsu xi libsa ta' ħuthom il-bniet u kultant kont tara xi tifla liebsa ta' tifel. L-għors ta' dawn it-tfal kien li jgħaddu mat-toroq tar-raħal iħabbtu bil-landi (li min jaf minn fejn kienu jġibuhom) u fl-istess ħin jgħajtu għajta lkoll flimkien bħall- : "Wow! Wow! Wow!"

Il-Ħadd kien imiss lill-kbar li jagħmlu xi waħda biex iferrħu lin-nies. Ħafna drabi l-irġiel kienu jilbsu ta' nisa u jekk xi mara jfettlilha tilbes xi kostum, kienet aktarx tilbes ta' raġel. Imma dan mhux kollox. Kont issib xi ħadd aktar oriġinali. Barra milli jilbes stramb kont tara xi raġel b'xi żveljarin marbut m'idu għaddej fuq rota jdoqq il-qanpiena l-ħin kollu jew ipaqpaq il-ħorn u n-nies spiss jistaqsuh x'ħin kien.

Xi rġiel kienu jilbsu ta' Torok. Huma kienu jaqilgħu kemm ħsajjar kien ikollha l-mara mdendlin jew fl-art. Dawn l-irġiel kienu jżommuhom mifruxin fuqhom stess u ħallihom jgħajtu : "Ħasira ...passaġġi ...lakumja ...ħabbagħażiż."[1] Dan kien jiġri għax f'dak iż-żmien kienu jiġu ħafna Torok ibigħu l-ħsajjar, ġwielaq, lakumja u ħabbagħażiż. Xi ħsajjar kien ikollhom xi stampi u kienu jintużaw flok inkwatru biex iżejnu l-ħitan speċjalment tat-taraġ. Il-ħsajjar kienu jintużaw bħala tapiti wkoll.

Min-naħa tat-tfal ħalli għalihom jiġru wara dawn il-maskarati jgħajtu : "Maskarattini perlina, għax warajk għandek xadina!" Kultant xi wieħed minn dawn il-maskarati kien jieqaf u taparsi se jibda jiġri warajhom. Hawnhekk arahom it-tfal jitilqu jiġru u jwerżqu biex malajr jerġgħu lura għal wara l-maskarat jgħajtu bħal qabel.

Ħaġa oħra li kienet tiġbed lin-nies kienet li jkun hemm xi ħadd li jżejjen iż-żiemel tiegħu bi ċfuf ta' karti kkuluriti. Liż-żiemel kienu jxiddulu ħannieqa kollha ġlieġel m'għonqu u fuq il-karettun kienu jirkbu minn tlieta sa erbat irġiel. Is-sewwieq bir-riedni f'idu jsuq lill-oħrajn: min bil-kitarra jew ir-rabbaba jdoqqu u jgħannu.

L-għana hu parti mill-kultura Maltija u barra l-għana li kien isir minn dawn in-nies kien isir għana ieħor. Araħ lil dak il-ġuvni li xeħet għajnejh fuq xi xebba jmur ħdejn id-dar tagħha u jgħannilha għana ta' mħabba. Imma kien hemm min jinqeda bl-għana biex jgħajjar lil xi ħadd u araħ imur qrib id-dar ta' fejn kien joqgħod dan it-tali u jibda jgħanni għana ta' disprezz lejn dik il-persuna. Ħafna drabi l-għannej kien jispiċċa maħsul b'xi barmil ilma maħmuġ.

Kultant flok l-għana, xi ħadd minn dawn in-nies kien jilbes xi kappott (li minn jaf f'liema rokna kien imdendel kollu trab u kamla), kien isib ukoll xi kappell stramb u ħallih jagħmilha ta' maġistrat f'xi kawża. Meta jaqta' s-sentenza, anke fuq ftietaq żgħar, il-kastig kien ikun ċertu żmien il-ħabs. Dan kien iġib tilwima bejn il-maġistrat u l-'ħati' u hawn kien ikun hawn l-isbaħ xalata.



*Il-karettun ma kienx jintuża biss bħala mezz ta' trasport, iżda wkoll kien jintuża fil-Karnival.*

Drabi oħra l-istorja kienet tiżvolġi xort'oħra. Wieħed mill-irġiel kien jagħmilha ta' missier xebba għaż-żwieġ u ieħor l-għarus. Hemm kont trid tisma' x'dota se tieħu magħha x-xebba: borma mgħattna, taġen bla manku, tazzi u kikkri mxellfin, platti bl-enemel imtajjar, imgħaref u frieket imsaddin, xi xkejjer tal-faxx biex tagħmel mitraħ bihom fejn jorqdu, ħemel[2] tiben ta' l-oħxon biex timla l-mitraħ u l-imħaded. Insomma ħafna drabi l-ftehim kien isir.

Dawn in-nies kienu jmorru jagħmlu dawn ix-xenati minn raħal għall-ieħor, imma kienu jkunu diġà f'darhom qabel jidlam. Fil-każ li kienu jinqabdu barra mir-raħal fid-dlam, l-għana u ċ-ċajt kienu jispiċċaw u kien jinxtegħel il-fanal li kien ikun imdendel fuq quddiem taħt il-lasta tal-karettun. Dawn il- fares kienu jsiru l-Ħadd u t-Tlieta tal-Karnival.

Il-Karnival kien jagħlaq billi t-Tlieta wara li jidlam xi żgħażagħ kienu jdaħħlu xi ħaġa f'rashom biex jidhru itwal u biex ma jagħrfuhomx, jitfgħu liżar abjad fuq rashom u joħorġu jduru mar-raħal. Konna ngħidu li ħarġu l-erwieħ. Dawn kif kienu jaraw lil xi ħadd xiħ jew żgħir fl-età kienu jersqu lejh biex jarawh jibża'.

Il-Karnival kellu waħda tajba. F'dak iż-żmien ir-raħal tagħna kien maħnuq bil-piki dwar il-festi u l-politika, imma fil-Karnival kont tara nies li bejniethom ma kienu jaqblu ma l-ebda partit, iżda f'dawn il-jiem kienu joħorġu flimkien biex iferrħu n-nies.

Dwar l-ikel irridu niftakru li l-mara ta' dak iż-żmien ma kellhiex il-kumditajiet moderni bħall-friġġis u cookers. Imma ma jistax ikun li jgħaddi l-Karnival u ma tagħmilx ikla aħjar minn tas-soltu. L-ikel favorit kien xi tigan[3] il-forn u biex jinħema, kien hemm il-furnar tar-raħal. Il-furnar kien ikebbes il-forn kuljum għax dak iż-żmien ħafna minn nisa tad-dar kienu jagħġnu l-ħobż tagħhom huma. Imma fil-Karnival, il-furnar kien ikollu jkebbes il-forn il-Ħadd ukoll u ara n-nies sejrin bit-tigan lest għall-ħami. Min kien iridu kmieni, kien jieħdu kmieni.

L-ixkafef li tul il-ġimgħa kienu jkunu mimlijin bi twavel bil-ħobż fuqhom, fil-Karnival kienu jkunu mimlijin bi twaġen ta' l-imqarrun, ross u patata għall-ħami. Biċċa xogħol għall-furnar biex jiftakar ta' min hu t-tigan u għal x'ħin iridu! Mhux l-ewwel darba li xi tigan kien jinbidel ma' ta' xi ħadd ieħor u ...hemm jinqala' l-inkwiet! It-Tlieta tal-Karnival il-biċċa kbira tan-nies kienet tagħmel il-pastizzi.

Min kien ikun viżtuż dak iż-żmien ma kienx imur bit-tigan hu l-forn. Allura kien jitlob lil xi ħbieb jew lill-ġirien biex jagħmlulu pjaċir jeħdulu t-tigan l-forn u jġibuhulu lura. Inkella kien isajjar xi tiġieġa u jagħmel għamla ravjul. Ħafna drabi t-tiġieġa, il-ġbejniet u l-bajd kienu jkunu prodotti minn tagħhom.

Il-Knisja kienet tagħmel xi ħaġa f'dawn il-ġranet? Iva. L-ewwelnett is-sorijiet Franġiskani li kien hawn fir-raħal kienu jiġbru l-bniet minn ċertu ħin sa ċertu ħin. Billi kont inkun mal-bniet miġburin, il-ħin konna ngħadduh naqbżu l-ħabel, nilagħbu bil-ballun, żibeġ jew noli. Kull tant ħin is-soru kienet teħodna ħdejn il-kappella biex ngħidu xi talb.

Barra minn hekk, qabel tibgħatna d-dar konna ninviżtaw lis-Sagrament. Is-subien, it-Tlieta wara nofs in-nhar, kienu jmorru għall-passiġġata twila fil-kampanja mal-membri tal-Mużew. Fil-knisja parrokkjali kien ikun hemm ġurnata adorazzjoni quddiem is-Sagrament bi tpattija għad-dnubiet li setgħu saru f'dawn it-tlitt ijiem ta' bluha. Dan għax għal ħafna, il-Karnival kien il-festa tax-xitan.

L-għada kien jisbaħ l-Erbgħa, Ras ir-Randan, b'sawm strett anke għat-tfal għax kienu jgħidulna : "Min ma jsumx f'Ras ir-Randan imut f'denbu."

**Referenzi:**

[1] Il-ħabbagħażiż kien qisu għerq bħal ta' l-artiċosk twil xi 3 ċentimetri. Kien bajdani jagħti fl-aħdar u ħelu meta tieklu.

[2] għaxar qattiet

[3] dixx il-forn